MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 168/2005

**Master Distributors Limited (C2837)**

**Vs**

**Franco Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm357.02c (tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u zewg centezmi) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut fl-24 ta' Mejju, 2003.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba, ta' l-Ittra Legali tat-13 ta' Settembru, 2004, tas-7 t'Ottubru, 2004 u bl-imghax legali mill-24 ta' Mejju, 2003 data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-14 ta' Marzu, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------